# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-31 t'Ottubru 2019**

Appell numru 132 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Duncan AĠIUS**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-22 ta' April 2019 fil-konfront ta' Duncan AĠIUS, karta tal-identità bin-numru 453585M fejn ġie mixli:

   Talli mix-xahar ta' Marzu 2017 sa Marzu 2018, fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat (Kap 9 Artiklu 18);

   1. Naqas li jagħti lil Alexandra Vyatcheslavovna Aġius, is-somma, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu u/jew martu, fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih,

skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma (Kap 9 Artiklu 338 (z)).

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

   Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
   Rat l-affidavit ta' PC 318 Jean Paul Grima.
   Semgħet ix-xhieda ta' Alexandra Aġius fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2018 u tal-imputat Duncan Aġius fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018.
   Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

   Illi għalkemm il-partijiet xehdu li għal perjodu ta' żmien kienu joqogħdu taħt l-istess saqaf, ma ġiex ippruvat li kien hemm ir-rikonċiljazzjoni bejn l-istess partijiet, apparti l-fatt illi l-partijiet it-tnejn stqarrew b'mod divers illi l-għajnuna finanzjarja prinċipali kienet qed tingħata mill-ġenituri tal-imputat. Illi wkoll l-imputat bl-ebda mod ma pproċeda sabiex ivarja d-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Jannar 2017.

   Kien għal dawn il-motivi li wara li rat l-Artikoli 7(2), 11(1), 18, 31(g) u 338(z), tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, u kkundannatu multa għas-somma ta' elf Euro (€1,000).

3. Illi Duncan AĠIUS interpona appell minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat 9 ta' Mejju 2019 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi ddikjarata bħala nulla u bla effett stante illi ma ssegwix id-dettami tal-liġi u talab illi l-atti jergħu jigu rimessi quddiem l-Ewwel Qorti ghad-deċiżjoni, sabiex l-appellanti ma jitlifx il-beneficcju tad-*doppio esame*; fin-nuqqas, u f'każ illi din it-talba ma tigix milqugha, is-sentenza tiġi mħassra u revokata u minflok jiġi liberat minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; sussidjarjament, il-piena inflitta tiġi varjata, u dan billi tiġi

imponuta piena aktar ekwa u gusta għal fatti speci tal-każ odjern.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

L-Ewwel Aggravju-Nullita tas-Sentenza Appellata

L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi: *"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti ċertament illi ma rrispettatx il-vot tal-liġi u dan meta ma spjegatx il-fatti li tagħhom l-imputat instab ħati u filfatt wara li elenkat ix-xhieda li semgħet, għaddiet minn l-ewwel għad-d*eċide.*

Skond ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, in-nuqqas li jiġi rispettat strettament l-artikolu 382 tal-Kap 9, jimporta n-nullita tas-sentenza appellata u dan stante illi dan in-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428 (3) tal-Kodiċi Kriminali.

Fil-fatt kif imfisser fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet il-**Pulizija vs Emanuel Mifsud ET** mogħtija fit-tnax (12) ta Marzu tas-sena elfejn u disa (2009), il-Qorti irriteniet li '*skond l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati meta tagħti sentenza kontra l-imputat għandha* ***tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati,*** *tagħti l-piena, u ssemmi l-artikolu tal-kodiċi kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.'*

Illi għalhekk, l-Ewwel Qorti, b'dawn is-sempliċi dikjarazzjonijiet, naqset milli tispjega l-fatti li tagħhom ġie misjub ħati l-appellant; apparti illi dak dikjarat minn l-Ewwel Qorti huwa żbaljat wkoll, kemm għax minn imkien mill-provi ma rriżulta illi l-partjiet ma kienux irrikonċiljaw, u li din hija biss assunzjoni gratwita tal-Qorti stess.

F'każ simili, u ċioe meta Qorti tonqos milli tispjega b'mod dettaljat il-fatti ta' dak illi l-akkużat ikun qed jnstab ħati, jintitola lil Qorti li tħassar is-sentenza appellata (f'dan is-sens wieħed jista jara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija V. Donald Ċilia**, 24 ta' April 2002; **Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**, 28 ta' Ġunju 2002; **il-Pulizija vs. Joseph Żahra**, 9 ta' Settembru 2002; **Il-Pulizija vs. Paul Cachia**, 25 ta' Settembru 2003; **Il-Pulizija v. Mark Portanier,** 14 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija vs. John Axiaq ET**, 19 ta' Mejju 2005).

Konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tħassar is-sentenza mogħtija minn l-Ewwel Qorti, stante illi din ma ssegwiex id-dettami tal-Kodiċi Kriminali kif eunuċjat permezz ta' l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-

Liġijiet ta' Malta, senjatament meta, kif spjegat aktar 'il fuq, il-Qorti naqset milli tispjega l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati.

Applikazzjoni żbaljata tal-Liġi u tal-Provi Prodotti.

Illi a kuntrarju ta' dak sottomess minn l-Ewwel Qorti fis-sentenza, mill-provi prodotti quddiemha rriżulta ċar u inekwivoku illi l-*parte ċivile* rritornat lura d-dar tal-ġenituri tal-appellanti, fejn dejjem għixu, propju għax il-partijiet kienu rrikonċiljaw u għalhekk reġgħu bdew jgħixu flimkien. Illi bir-rispett kollu ma kien jagħmel l-ebda sens illi l-appellanti jibqa jivversa l-manteniment a favur ta' uliedu meta l-partijiet kienu reġgħu irranġaw u hija ma kienet qed toħroġ xejn għall-ispejjeż.

L-appellanti umilment jirrileva illi għalhekk, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt **legalment** u **raġonevolment** issibu ħati tal-akkuża kif dedotta kontra tiegħu, u dan peress illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni żbaljatat tal-liġi, senjatament tal-Kodiċi Ċivili li jirregola propju il-kwistjoni tal-manteniment u tas-separazzjoni, u għalhekk applikabbli għal każ odjern.

Illi l-appellant jinsisti illi la darba l-partijiet kienu qed jirresjedu taħt l-istess saqaf, propju għax irrinkonċiljaw, l-effetti tad-Digriet li ingħata, ċertament illi ma baqax fis-seħħ, u dan nonstante l-fatt illi d-Digriet ta' manteniment qatt ma kien ġie varjat.

Illi dan qed jingħad anke in vista ta' l-Artikolu 62A et seq, tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, li jistipola illi saħansitra koppja miżżewġa li tissepara kemm b'mod konsenswali kif ukoll b' sentenza tal-Qorti, u għalhekk b'mod definittiv, iżda terġa' tirrikonċilja, din ir-rikonċiljazzjoni, **tneħħi l-effetti kollha tal-firda *ergo* wkoll l-obbligu ta' manteniment versu l-ulied, hekk kif naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni. B'mod analogu, l-istess jista jingħad għal Digrieti li jingħataw *pendente lite***.

Fil-fatt, l-Artikolu 63 tal-Kap 12 jistabilixxi illi: *'ir-raġel u l-mara mifrudin, b'sentenza, jew bil-kunsens ta' xulxin, jistgħu f'kull żmien jerġgħu jmorru flimkien,* ***u b'hekk ineħħu l-ineħħu l-effetti tal-firda, kollha jew biċċa minnhom, iżda dan bla ħsara tal-jeddijiet li terzi ġa akkwistaw.'*** Filwaqt illi l-Artikolu 64 (1) jgħid illi: '*Jekk ir-raġel u l-mara mifrudin imorru minn rajhom igħammru flimkien, iġib il-għaqda tagħhom mill-ġdid, u jġedded l-obbligu, li ġej miż-żwieġ,* ***tal-għajxien flimkien u tal-manteniment'.***

Għalhekk, la darba jkun hemm rikonċiljazzjoni, bħal fil-każ ta' l-appellanti, l-effetti tad-Digriet spiċċa u għalhekk spiċċa wkoll l-obbligu li jiġi ssoministrat l-manteniment versu uliedu.

Inoltre, tajjeb illi jiġi sottolineat ukoll illi minkejja illi

Piena Inflitta.

It-tieni aggravju tal-appellant, jirrigwardja dik illi hija l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, li fiċ-ċirkostanzi qed tiġi meqjusa bħala eċċessiva kif ukoll sproporzjonata.

Mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċedenti, bir-rispett kollu, jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi għandha ssib ħtija, hija għandha tkun ferm aktar klementi mal-appellant, u dan speċjalment fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, kif ukoll peress illi din hija l-ewwel darba illi l-appellanti tressaq fuq morożita ta' ħlas ta' manteniment, u għalhekk m'hemmx l-addebitu tar-reċidiva.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi mill-provi prodotti jirriżulta li nhar it-2 ta' Marzu 2018 għall-ħabta tad-8:45am Alexandra Vyatcheslavovna Agius irrapurtat fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra li skond digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)[1] Duncan Agius kien obbligat li jħallas ir-retta alimentarja ta' ħames mitt euro (€500) kull xahar favur it-tliet ulied komuni minuri bl-etajiet tagħhom ivarjaw bejn sentejn u tmien snin. Skond l-istess kwerelanta, l-appellant naqas milli jħallasha l-imsemmi manteniment minn Marzu 2017 sa Marzu 2018 u b'hekk kiser dan id-digriet. Meta l-appellant ġie mitkellem mill-pulizija hu kkonferma dan il-fatt. Konsegwentement inħarġu l-akkużi relattivi kontra tiegħu.

5. Jirriżulta wkoll li matul il-proċeduri ta' separazzjoni kien sar tentattiv ta' rikonċiljazzjoni. Skond l-appellant matul l-istess

[1] li jġib in-numru 1729/16 maħruġ mill-Onorevoli Imħallef Abigail Lofaro fit-3 ta' Jannar 2017.

perijodu hu kien jipprovdi għal uliedu u jisħaq li kien jagħtiha iktar mill-manteniment dovut. Biss il-kwerelanta saħqet li dan ma kienx minnu u li għalkemm kienu (pruvaw) jirrikonċiljaw, filfatt kienu spiċċaw jgħixu fi kmamar separati u hi kienet tipprovdi għall-uliedha b'ċerti spejjeż kienu jitħallsu minn missier l-appellant u mhux minnu.

***Ikkunsidrat: -***

1. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] fejn intqal:-

---

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

2. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[3]

3. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn,

---

ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

4. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

5. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew

dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

***Ikkunsidrat : -***

6. Illi fl-ewwel aggravju l-appellant qiegħed jeċepixxi n-nullita' tas-sentenza fil-konfront tiegħu peress illi l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tispjega l-fatti li tagħhom l-appellant ġie misjub ħati.

7. Illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jittratta speċifikament x'għandu jkun fiha sentenza *ad validatem,* jiddisponi s-segwenti:

   > Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun gie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

8. Illi mill-korp tas-sentenza jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati rriproduċiet l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant u sussegwentement wara li ddikjarat li rat l-atti u d-dokumenti kollha, l-l-affidavit ta' PC318 Jean Paul Grima, li semgħet ix-xiehda tal-partijiet, u li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, kompliet biex għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha fis-sens li l-partijiet għamlu xi

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs. Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs. Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs. Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs. Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs. Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs. Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs. Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

żmien joqgħodu taħt l-istess saqaf iżda li ma ġiex pruvat li kienet seħħet rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, kif ukoll li kien hemm diverġenza bejniethom dwar l-għajnuna finanzjarja prinqipali li kienet qed tingħata mill-ġenituri tal-appellant; kif ukoll li l-appellant ma jirriżultax li proċeda biex ivarja d-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Jannar 2017. Wara pproċediet sabiex tikkwota l-artikoli tal-liġi applikabbli għall-imputazzjonijiet mertu tal-kawża u minn hemmhekk ipproċediet biex tiddikjara lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u kkundannatu l-multa t'elf euro.

9. Issa kif jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza Maltija kopjuża fuq dan is-suġġett partikolari, meta l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem fuq il-fatti, dan ma jirreferix għall-mertu *per se* jew għal taqsira tal-fatti bħalma rikjest fir-rikors tal-appell mill-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; iżda jirreferi aktar speċifikament għall-ħtieġa tar-rabta ċara bejn il-fatti tal-każ u d-dikjarazzjoni tas-sejbien ta' ħtija kif imposta jew il-liberatorja skont il-każ. Dak li huwa rikjest huwa li l-Qorti tal-Maġistrati tkun ċara meta tippronuzzja ruħha dwar fejn l-imputat ikun instab ħati jew fejn ikun ġie liberat. Dan infatti kien jifforma parti konsiderevoli mill-mertu tas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Elton Abela***[5] deċiża nhar it-28 ta' Jannar 2005 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn ġie ddikjarat is-segwenti:

> Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiggustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament

[5] Deċiża mill-Imħallef David Scicluna mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

> elenkati fil-bidu nett. L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal-ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall-imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza ssentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati.

10. Fl-istess vena insibu wkoll is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Keith Pace***[6] wkoll deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta li ddikjarat illi

> Kif gie ritenut f'gurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x'hiex l-appellant gie misjub hati, jew meta f' kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lill-imputat hati, jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza.
>
> Meta s-sentenza originali tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat, il-formalizmu ma hemmx postu u ghandha tigi salvata s-sentenza, pero' dan ma hux il-kaz, ghax hawn si tratta ta' sentenza motivata u mhux miktuba fuq il-kopja tal-komparixxi li jkollha l-Qorti bhal kif jigri kwazi dejjem fil-kawzi li jinstemghu bil-procedura sommarja, u proprju hemm id-dubji fuq imsemmija.

11. B'hekk kemm fid-dawl tal-ġurisprudenza kif hawn fuq ikkwotata u anki fid-dawl tal-fatt li mis-sentenza in kwistjoni ma jidhirx li hemm xi rekwiżiti *ad validatem* oħra mankanti, dan l-aggravju qiegħed jiġi respint.

***Ikkunsidrat : -***

[6] Deċiża nhar il-5 ta' Mejju 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Grazio Scicluna*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Marzu 2004 kif ukoll ***Il-Pulizija vs Justin Gambin*** deċiża mill-Imħallef Lawrence Quintano nhar it-2 ta' Lulju 2012.

12. Illi t-tieni aggravju jittratta l-allegata applikazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-provi prodotti. Stante li f'dan il-każ, il-kwistjoni prinċipali tiddependi wkoll fuq il-kredibbilita' tax-xiehda tal-*parte civile* nonche dik tal-imputat appellant, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Inoltre, s-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippreskrivi li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex jikkostitwixxi prova valida u sħiħa. Dan ukoll ġie kkonfermat u ripetutament assodat minn ġurisprudenza Maltija kopjuża.[7]

13. Illi relevanti wkoll għall-fini tat-test tal-kredibbilta tax-xiehda tax-xhieda huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jippreskrivi li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:-

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u

[7] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono tas-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs. Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011. Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

> ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...

14. Skond il-ġurisprudenza Maltija jekk l-Ewwel Qorti tonqos milli tagħmel dan l-eżerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista' tirriżulta n-nullita' tal-proċedura, li tista' titqajjem anke mill-Qorti *ex officio* stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[8]

15. In oltre kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorne***:[9]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

***Ikkunsidrat : -***

16. Illi l-appellant jinstab mixli bil-ksur kontravenzjonali regolat taħt l-artikolu 388(z) tal-Kodiċi Kriminali u li jinqara kif ġej:

---

[8] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo,*** deċiża minn din il-Qorti nhar id-9 ta' Settembru 1999 preseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano.

[9] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 minn din il-Qorti preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

> Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –
>
> meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma:
>
> Iżda, minkejja kull dispożizzjoni oħra ta'dan il-Kodiċi, l-azzjoni kriminali għal reat taħt dan il-paragrafu  taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta'sitt xhur:
>
> Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f'kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista jeħel piena ta'detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta'mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn;

17. In oltre, għal fini ta' dan l-appell, tajjeb li ssir referenza wkoll għall-artikoli 63 u 64 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdu s-segwenti:

> 63. Ir-raġel u l-mara mifrudin, b' sentenza jew bil-kunsens ta' xulxin, jistgħu f' kull żmien jerġgħu jmorru flimkien, u b' hekk ineħħu l-effetti tal-firda, kollha jew biċċa minnhom, iżda dan bla ħsara tal-jeddijiet li t-terzi jkunu ġa akkwistaw.
>
> 64. (1) Jekk ir-raġel u l-mara mifrudin imorru minn rajhom igħammru flimkien, iġib il-għaqda tagħhom mill-ġdid, u jġedded l-obbligu, li ġej miż-żwieġ, tal-għajxien flimkien u tal-manteniment.
>
> (2) Iżda, kull effett ieħor tal-firda ma jispiċċax ħlief bis-saħħa ta' att pubbliku.

18. Illi skond il-ġursprudenza Maltija, il-ksur tal-artikolu 388(z) tal-Kodiċi Kriminali jitqies bħala reat kontra l-ordni pubbliku.  Id-digrieti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ikollhom validita' legali u għandhom jiġu osservati sakemm ma jsirux xi varjazzjonijiet fihom skond il-liġi jew sakemm ma ssirx il-prova ta' rikonċiljazzjoni bejn il-konjuġi, f'liema eventwalita' jidħlu fis-seħħ id-dettami tal-artikoli 63 u 64 tal-Kodiċi Ċivili.  Madankollu kif

jidher ċar mill-ġurisprudenza, din ir-rikonċiljazzjoni trid tkun ippruvata minn min qed jallegha u s-sempliċi koabitazzjoni jew tentattiv ta' rikonċiljazzjoni ma jikkwalifikawx biex iġibu fix-xejn kwalunkwe digriet jew kuntratt tal-Qorti li jirregola l-pattijiet u l-kundizzjonijiet bejn il-konjuġi *pendente lite*, inkluż dawk tal-ħlas ta' manteniment lill-konjuġi u/jew lill-ulied.

19. Illi in sostenn ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet hemm is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Marco Attard*** fejn din il-Qorti diversament ippreseduta rriteniet is-segwenti:

> Ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9, hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla (u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null[10]) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali.[11]

20. In oltre skond is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Publius Said*** din il-Qorti diversament ippreseduta sostniet:

> L-ordnijiet tal-Qrati, bhad-digriet tas-Sekond' Awla li jiffissa l-manteniment pendente lite, jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f'kawzi, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli, il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali tigi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili. Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b'idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni.
>
> Sakemm id-digriet jigi varjat jew revokat, dan ghandu jigi osservat.

---

[10] Enfażi tal-Qorti.

[11] Deċiża minn din il-Qorti preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar l-1 ta' Marzu 2004.

Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-

1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment;

2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma."

Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni.[12]

Ghall-finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9, hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla (u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali.[13]

21. Għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-istitut tar-rikonċiljazzjoni fil-każiztika ċivili, issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Dolores Zammit vs. Gio Maria Zammit*** fejn il-Qorti esprimiet ruħha dwar il-veru tifsira ta' rikonċiljazzjoni u rriteniet is-segwenti:

Huwa maghruf illi, biex jista` jinghad li saret rikonciljazjoni bejn il-mizzewgin, hemm bzonn illi dawn ikunu jridu, u juru bil-fatti li jridu, jirrikostruwixxu l-hajja konjugali u jirrikomponu dik il-komuanza ta` affetti, sentimenti u nteressi, li tikkostitwixxi l-essenza ta` dik il-hajja; u ghalhekk ma ghandux jitqies bhala rikonciljazzjoni l-fatt tas-semplicjunjoni tal-mizzewgin, meta jkun segwit minn dissidji u minn firda ohra. Iz-zmien li l-mizzewgin ikunu qaghdu flimkien qabel ma regghu nfirdu ma ghandux importanza deciziva; u r-rikonciljazzjoni bhala rinunzja ta` drittijiet, ma ghandiex tigi prezunta; u f'kaz ta` dubju ghandha tigi skartat, jew, fl-aghar ipotesi, gahndu jiftiehem likien hemm biss tentattiv ta` rikonciljazzjoni.

[12] Enfażi tal-Qorti.

[13] Deċiża minn din il-Qorti preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar id-9 ta' Lulju 2003. Ara wkoll ***Il-Pulizija vs. Charles Gauci*** deċiża nhar is-17 t'Ottubru 2002 minn din il-Qorti preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

> Xejn ma jiswa lil-mizzewgin ikollhom relazzjonijiet intimi fiz-zmien li jkun regghu marru flimkien; ghaliex jibqa` dejjem lim a jkunx hemm hemm l-intezjoni serja li jergghu jirristabbixxu l-konvivenza konjugali fil-paci u fil-konkordaja, li huma l-essenza tar-rikonciljazzjoni.[14]

22. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Antonia Mifsud vs. Alfonso Mifsud,*** il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ċċarat illi:

> Skond il-ligi, l-azzjoni tal-firda tispicca meta r-ragel u l-mara jissewwew. Imma din id-dispozizzjoni giet kostantement interpretata mill-Qrati Taghna fis-sens illi mhux bizzejjed ghar-rikonciljazzjoni l-fatt li l-mizzewgin jergghu jabitaw flimkien; u ma jammontax ghal rikonciljazzjoni s-semplici tentativ ta' rijunjoni bejn il-mizzewgin, meta dawn, minghajr intervall ragjonevoli, jergghu jiggiedu u jmorru joqoghdu ghal rashom'.[15]

***Ikkunsidrat: -***

23. Illi b'referenza issa għall-fatti f'dan il-każ u fid-dawl tal-provi prodotti, jirriżulta li skond il-kwerelanta, l-appellant naqas milli jħallas il-manteniment għall-ulieda ta' €500 fix-xahar għal perijodu ta' sena, senjatament bejn Marzu 2017 u Marzu 2018. Jidher in oltre illi matul dak il-perjodu ta' żmien l-appellant u l-kwerelanta kienu qedgħin jabitaw fir-residenza tal-ġenituri tal-appellant flimkien ma wliedhom. Minkejja li kienu ġew intavolati proċeduri ta' separazzjoni, il-koppja kienu għamlu tentattiv ta' rikonċiljazzjoni.

[14] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u ppreseduta mill-Imħallef Albert J. Magri, nhar is-17/02/1961, Ref: Vol. 45C (1961), Parti No. 2, Sezzjoni, Paġna 557. Ara wkoll ***Tereza Caruana vs. Giuseppe Caruana***, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17/05/1955 mill-Imħallef Victor J. Caruana Colombo, Ref: Vol. 39C (1955), Parti No. 2, Sezzjoni, Page 659; u ***Joseph Schembri vs. Emmanuela Sive Lily Schembri***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) u ppreseduta minn Camilleri Luigi A., Harding William, Montanaro Gauci A.J., nhar it-22/02/1957, Ref: Vol.41B (1957), Parti No. 1, Sezzjoni, p. 107.

[15] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u ppreseduta mill-Imħallef Albert J. Magri, nhar is-26/06/1954, Ref: Vol. 38B (1954), Parti No. 2, Sezzjoni, Page 520.

Dan il-fatt huwa mistqarr mit-tnejn li huma, għalkemm bejniethom ma jaqblux fuq kemm din il-koabitazzjoni irriflettiet ruħha f'rikonċiljazzjoni fis-sens li trid il-Liġi kif spjegat aktar il-fuq.

24. Jirriżulta wkoll li madankollu, dan it-tentattiv ftit ħalla frott u safa' fix-xejn tant li matul din il-perjodu l-atmosfera ta' bejn il-partijiet ma kienetx feliċi. Fil-fehma tal-Qorti mill-provi jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni tagħha li r-rikonċiljazzjoni li jitkelmu dwarha l-partijiet ma kienet rikonċiljazzjoni xejn. Dan peress li skond il-kwerelanta, huma kienu anki qedgħin jorqdu fi kmamar separati; u hekk kif il-Qorti Ċivili awtorizzat lill-kwerelanta li tabita fid-dar matrimonjali, hi telqet mir-residenza tal-ġenituri tal-appellant flimkien ma wliedha u marret toqgħod fid-dar martimonjali l-bogħod mill-appellant.

25. Apparti minn hekk il-kwerelanta tgħid li hi kellha tmur taħdem *part-time* sabiex tipprovdi għall-ħtiġijiet ta' wliedha peress illi l-appellant ma kienx qed itiha l-flus tal-manteniment f'idejha. Il-kwerelanta tgħid li meta kienet titolbu l-għajnuna finanzjarja huwa kien jirrifjuta jew alternattivament jibgħatha għand missieru. Hija tgħid li damet madwar sena tgħix mal-appellant, iżda minflok dan ma kien perjodu ta' rikonċiljazzjoni sinċiera u vera spiċċa biex issarraf f'episodji ta' biża u theddid fil-konfront tagħha mill-appellant. Kien ukoll għal din ir-raġuni li l-kwerelanta ma kienetx kwerelat lill-appellant fi stadju aktar bikri.

26. Mill-NPS eżebit mill-Pulizija fl-atti[16] jirriżulta li kien sar rapport f'Awissu 2017 dwar theddid li l-kwerelanta kienet qegħda ssoffri minn idejn l-appellant; iżda dan ir-rapport ma kienx ġie segwit minn proċeduri kriminali fuq talba tal-istess kwerelanta.

27. Mill-banda l-oħra pero, meta hu xehed quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant jiċħad li dak allegat fil-konfront tiegħu minn martu huwa minnu, u jisħaqq illi huma kienu qedgħin jippruvaw jirrikonċiljaw f'dak iż-żmien u li hi kienet qed tgħix miegħu u ma' uliedhom fid-dar t'ommu. Jgħid ukoll illi kien iħallas kollox hu u meta kien jiġi dahru mal-ħajt, missieru kien jgħinu. Hu jindika wkoll il-ħlas ta' diversi spejjez għall-uliedu u jisħaqq li hu filfatt ħallas iktar mill-manteniment peress illi martu kull ma kienet taħdem *part-time*. Jgħid ukoll li kien talabha toħroġlu riċevuta iżda li hi 'hedditu' illi f'dik l-eventwalita kienet ser titlaq mid-dar ma uliedhom, allavoja jidher ukoll mill-provi illi kif telqet mid-dar, il-pagamenti bdew deħlin u inħarġu r-riċevuti appożiti wkoll. Hu jiċħad ukoll illi hu kien ammetta mal-pulizija li ma kienx ħallas manteniment. Mill-banda l-oħra pero, il-Qorti, għall-fini ta' kontroll ta' xiehda, tagħmel riferenza għall-affidavit ta' PC318 Jean Paul Grima[17] kif ukoll għall-NPS eżebit, mnejn jirriżulta illi meta l-appellant ġie mitkellem fl-istadju investigattiv, kontra dak li stqarr bil-ġurament tiegħu fil-Qorti, mal-Pulizija huwa kien ikkonferma li ma ħallasx il-manteniment lil martu tul dak il-perijodu ta' żmien lamentat mill-kwerelanta.

[16] Folio 33 tal-atti proċesswali.
[17] Folio 32 tal-atti proċesswali.

28. Illi in definittiva minkejja inizzjalment li seta' kien hemm xi tentattiv ta' rikonċiljazzjoni b'intiża sinċiera, ma jidhirx li dan l-animu kien wieħed duratur tant li ftit taż-żmien wara jirriżulta li l-affarijiet ta' bejn il-partijiet iddeterjoraw. Huwa evidenti anki minn kliem l-appellant stess illi kien hemm ċertu element ta' pika bejnu u bejn martu u kwindi diffiċli jingħad illi l-atmosfera bejn il-koppja in kwistjoni kienet filfatt ser twassal għal-rikonċiljazzjoni effettiva. Kif joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza kkwotata minn din il-Qorti, l-iktar li jista' jingħad huwa li f'dan il-każ kien hemm tentattiv ta' rikonċiljazzjoni li madankollu falla u li kwindi, ma jistax iwassal għall-invalidita' tal-pattijiet tad-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jew għal xi telf tal-jeddijiet tal-kwerelanta sabiex titħallas ta' dak li huwa dovut lilha skond id-digriet li jikkonċernaha.

29. Illi apparti hekk, id-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) eżebit jirreferi wkoll għall-ispejjez basiċi għall-ħajja u għas-saħħa u l-edukazzjoni tat-tfal, li madankollu, huma spejjeż li jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet u dan **oltre** l-ħlas mensili tal-manteniment ta' €500. Kwindi l-appellant lanqas ma jista' jargumenta li l-ispejjez li setgħu ġew imħallsa minnu jew mill-familjari tiegħu fil-konfront ta' uliedu jkopru l-manteniment stabbilit mill-Qorti fid-digriet tagħha.

30. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li ma tressqitx prova, almenu sal-grad tal-probabbli, li kien hemm rikonċiljazzjoni effettiva għall-finijiet u għall-effetti kollha tal-liġi jew li l-manteniment li kien dovut

jitħallas mill-appellant ġie effettivament imħallas mill-appellant favur il-kwerelanti. Din il-Qorti tqis li ġie pruvat sal-grad tal-probabbli li l-appellant jew il-ġenituri tiegħu kienu ikkontribwew xi ħaġa favur il-minuri – iżda ma ġiex pruvat sal-grad tal-probabbli li l-appellant kien wettaq l-obbligi tiegħu tal-ħlas tal-manteniment versu martu għall-ħtiġijiet ta' wliedu skont id-digriet u skont il-Liġi. L-obbligu tal-ħlas tal-manteniment irid jiġi mwettaq skont dawk il-modalitajiet preskritti fid-digriet tal-Qorti kompetenti. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellant naqas milli jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa fil-fatt wettaq dawn l-obbligi tiegħu b'dan il-mod.

31. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li ssib ħtija fl-appellant għall-unika imputazzjoni mressqa fil-konfront tiegħu.

***Ikkunsidrat: -***

32. Illi l-aħħar aggravju huwa dak konċernanti l-piena kif imposta fuq l-appellant u illi fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva u sproporzjonata.

33. F'appell dwar il-piena inflitta, din il-Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il-piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju,

jew jekk kienetx manifestament eċċessiva.[18] Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court

---

[18] Dan irid jiġi mistħarreġ ukoll fid-dawl tal-fatt li l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

**(a) Retributtiv;**
**(b) Preventiv; u**
**(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.**

L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

34.Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi li f'każ ta' sejbien ta' ħtija x'piena għandha tingħata lill-ħati. Jekk is-sentenza tal-Qorti tkun fil-parametri tal-Liġi, ma jirriżultax li tkun maħkuma minn żball fil-prinċipju, u jekk ma tkunx manifestament eċċessiva, allura din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tkunx tista' tiddisturba dik is-sentenza kif ġieb u laħaq u jrid ikollha raġuni impellenti biex tagħmel dan.

35.F'dan il-każ din il-Qorti jidhrilha li l-piena inflitta kienet tinstab fil-parametri tal-liġi u għalhekk din il-Qorti jrid ikollha raġunijiet impellenti u legali sabiex tiddisturbaha. Fit-tieni lok jirriżulta biċ-ċar illi l-appellant naqas milli jħallas manteniment għat-tlett uliedu minuri għal sena sħiħa allavolja hekk kien obbligat li jagħmel skond id-digriet impost fuqu. In oltre jidher ukoll illi l-Qorti tal-Maġistrati applikat l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali li konsegwentement jawmenta l-piena bi grad. F'dan il-każ għalhekk, minħabba din iż-żieda ta' grad, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet anki timponi piena karċerarja effettiva stante li skont l-artikolu 31(g) tal-Kodiċi

Kriminali it-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet isir għall-piena tal-multa **<u>jew</u>** ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur. Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati għażlet illi minflok timponi piena karċerarja, applikat il-piena tal-multa, li pero hija qrib il-maximum stabbilit bl-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali. Dan kien jaqa' fis-setgħat tal-Qorti tal-Maġistrati u din il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex raġuni legalment valida għalbiex din il-piena tkun tista' tiġi varjata.

# ***Deċide***

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Buġeja***
***Imħallef***